# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT

## DR. DENNIS MONTEBELLO B.A. LL.D.

## Seduta ta' nhar it-30 ta' Novembru, 2001

**Numru 40**

**Avviz numru 563/99DM**

**Ta' Jeanette Holiday Complex Company Limited**

**vs**

**Saviour u Carmen konjugi Micallef**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal-konvenuti ghal hlas tal-bilanc ammontanti ghas-somma ta' Lm704 (seba' mija u erba' liri maltin) oltre l-imghax legali rapprezentanti hlasijiet dovuti ghall-gestjoni tal-kiri tal-bar u restaurant f'Ta' Jeanette Holiday Complex fi Triq il-Hgejjeg, Bugibba ghall-perjodu ta' sitt xhur mill-1 ta' April 1998 sat-30 ta' Settembru 1998 konsistenti fi hlasijiet ta' assikurazzjoni, konsum ta' dwal, telefon, licenzji tal-H.C.E.B., N.T.O.M. u permess tal-Pulizija.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra legali tat-12 ta' Marzu, 1999 kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet prezentata mill-konvenuti fejn

dawn eccepew li:

1. Illi primarjament l-unika relazzjoni guridika li esistit bejn il-kontendenti hija dik li kienet bazata fuq ftehim datat 1 ta' Gunju, 1998 liema ftehim gie konsidrat xolt minhabba nuqqasijiet gravi imputabbli lill-istess socjeta attrici ghall-liema raguni l-ebda ammont ma hu dovut lis-socjeta' attrici naxxenti a bazi ta' l-istess ftehim ghall-liema raguni t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghha;
2. illi minghajr pregudizzju ghas-suespost t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante illi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi:

   (I) mhux minnu illi s-socjeta' attrici ghandha tiehu l-ammont pretiz fl-avviz fl-ismijiet aktar il-fuq precitati izda somma ferm anqas u dan kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.
   (II) illi kif ser jigi pruvat permezz tat-talba rikonvenzjonali, hija s-socjeta' attrici li ghandha taghti lil konvenuti u dan fl-ammont ta' Lm96.79 (sitta u disghin lira Maltia u disa' u sebghin centezmu) wara li jitnaqqas l-ammont verament dovut lis-socjeta' attrici u cioe ta' Lm256 (mitejn u sitta u hamsin lira Maltija)

Rat il-kontrotalba tal-konvenuti fejn eccepew:

> Ghaliex ma ghandix dina l-Onorabbli Qorti tikkundanna lis-Socjeta' attrici thallashom is-somma ta' Lm352.79 (tliet mija tnejn u hamsin lira Maltija u disa' u sebghin centezmu) oltre imghax legali rapprezentanti hlasijiet dovuti in konnessjoni ma' tiswija ta' zewg micro wave ovens, akkomodazzjoni fornita lil klijenti fuq struzzjonijiet ta' l-istess socjeta' attrici u ftuh ta' drenagg;
>
> Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra bonarja tas-6 ta' Frar, 1999 u dik tat-8 ta' Dicembru, 1998 u bl-ingunzjoni tas-socjeta' attrici ghas-subizzjoni.

Rat sentenza taghha tat-3 ta' Mejju, 2001 fejn cahdet it-talba attrici bl-ispejjez kontra taghhom;

Rat illi ghal dak li jirrigwarda l-kontro-talba l-provi jikkonsistu esklussivament fid-deposizzjoni ta' Carmen Micallef, il-konvenuta;

Rat ukoll illi l-atturi jew rapprezentant taghhom lanqas ma deher biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni;

Ghaldaqstant it-talbiet tal-konvenuti kontenuti fil-kontro-talba jirrizultaw gustifikati u jimmeritaw konferma u ghaldaqstant qeghda tilqa t-talba tal-konvenuti u tikkundanna lill-atturi sabiex ihallsu lill-konvenuti s-somma mitluba ta' tliet mija tnejn u hamsin lira maltin u disa' u sebghin centezmi (Lm352.79) ghar raguni ndikati fl-istess kontro-talba;

Bl-ispejjez kontra l-atturi.

**A. Farrugia**
**Dep.Reg.**

va